MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru. 442/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Silvio Cassar**

Kumpilazzjoni Nru: 442/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Silvio Cassar ta' 24 sena, iben Joseph u Rita' nee' Debono, imwieled Pieta', nhar is-27 ta' Novembru, 1985 u residenti fil-fond 8, St.Philip, Triq il-Kacca, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 589085(M).

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Marzu, 2009, gewwa Triq Castaldi, Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew

immobbli u cioe' ghamel hsara f'vettura ta' ghamla Kia bin-numru tar-registrazzjoni AAB 161, liema hsara huma ta' 118 Euros ghad-dannu ta' Stewart Abela detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 216486 (M) u dan bi ksur tal-artikoli 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz0 jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati in kwistjoni, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali li hija netta u l-fatt li seduta stante l-imputat hallas ghall-hsara li kkawza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-

Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat ir-responsbbilta tieghu u x’jigri hjekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------